**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 20 ta' Ottubru. 2015**

**Rikors numru:- 49/2014 JVC**

**Victoria Spiteri**

**Vs**

**Maryanne Attard, Carmelo Teuma, Eucaristico Teuma f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh imsiefer Indrija Teuma; Emanuel Teuma, Francis Teuma**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi Nazzareno sive Zarenu Teuma, iz-ziju matern taghha, miet guvni u *mprole* fix-Xaghra, Ghawdex, fit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013) - *certifikat tal-mewt esibit u markat A;*

Illi b'testment li d-*decujus* ghamel fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tmienja (8) ta' Awwissu 2013, huwa halla b'titolu ta' legat lir-rikorrenti l-kapital ta' mitt elf ewro (€100,000) bi tpattija tas-servigi, kuri u assistenzi li l-istess rikorrenti pprestatlu matul hajtu – *kopja legali tat-testment u tar-ricerki testamentarji esibiti u markati B, C, u D;*

Illi d-*decujus* ma nnominax eredi, u wirtuh skont il-ligi l-intimati u hutu l-ohra Teresa sive Tessie Spiteri, Victor Teuma, u Mario Teuma;

Illi l-intimati minnufih wara l-mewt ta' Nazzareno Teuma gew mitluba jimmittu fil-pussess tal-legat lir-rikorrenti;

Illi bil-likwidazzjoni u qsim tal-wirt tad-*decujus* il-werrieta kienu afdaw kollox f'idejn in-Nutar Paul George Pisani, pero' ghal raguni li jafuha l-intimati biss dan habta u sabta waqqfulu l-inkarigu, u ddecidew li jqabbdu Nutar iehor, anzi man-Nutar Pisani spiccaw bil-glied. Ir-rikorrenti baqghet ma nghatatx spjegazzjoni mill-intimati dwar dan il-pass li kienu hadu, u sadanittant iz-zmien ghaddej u r-rikorrenti giet imhollija tistenna li tigi mmessa fil-pussess tal-legat mill-flus li d-*decujus* kellu fil-HSBC Bank Malta plc ;

Illi b'ittra ufficjali tat-3 ta' April 2014 (Ittra numru 155/2014), ir-rikorrenti meta baqghet ma nghatat l-ebda taghrif mill-intimati dwar x'kien qed jigri fil-likwidazzjoni tal-wirt biex jithallas lilha dan l-legat, kienet kostretta li tinterpella lill-intimati b'att gudizzjarju sabiex jimmittuha fil-pussess tal-legat bl-imghax mid-data tal-mewt tat-testatur kif preskritt bl-artikolu 728(b) tal-Kodici Civili, Kap.16 – *kopja legali tal-ittra ufficjali esibita u markata E;*

Illi biex seta' jimxi l-process mal-Bank HSBC l-esponenti kellha tinkariga lill-avukat tal-fiducja taghha li ha hsieb li fl-iqsar zmien possibbli jigbor id-dokumentazzjoni kollha mehtiega u jissottometti d-dokumentazzjoni kollha lill-Bank kif ghamel sas-16 ta' Mejju 2014 – *kopja tal-applikazzjoni ghall-izbank tal-flus esibita u markata F ;*

Illi wara diversi attentati biex jigi ffissat l-appuntament mal-Bank, il-werrieta kollha gew avzati biex ikunu prezenti l-Bank nhar il-Gimgha 11 ta' Lulju 2014, halli jigu zbankati l-flus u jithallas il-legat lir-rikorrenti ;

Illi fil-Bank inqala' argument mill-intimati wara li dawn irrifjutaw li jhallsu l-legat bl-imghax kif jitlob l-artikolu tal-ligi precitat, u rrifjutaw li jiffirmaw ghall-izbank tal-flus u jithallas il-legat bl-imghax bil-konsegwenza li l-laqgha li kienet iffissata appositament biex jithallas dan il-legat, sfrattat;

Illi l-eredi l-ohra tal-mejjet li fil-konfront taghhom ma saritx il-kawza ddikjaraw li kienu lesti jiffirmaw dak il-hin stess biex ir-rikorrenti tiehu l-legat bl-imghax kif titlob il-ligi ;

Talbet li din il-Qorti:

1. Tordna u tikkundanna lilhom konvenuti li jersqu u jimmittu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat tal-kapital lilha mholli mit-testatur bit-testment tieghu precitat, bl-imghaxijiet fuq dan il-kapital b'effett minnufih minn wara l-mewt tat-testatur sal-effettiv pagament ai termini tal-artikolu 728(b) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bin-nomina tal-kuraturi ghall-eventwali kontumaci, u ghal dan il-fini tiffissa l-jum u l-hin meta dan il-hlas ghandu jsir mill-flus li hemm depozitati fil-Bank HSBC.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' April 2014 (Ittra nru. 155/14).

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti fejn Eucaristico Teuma kkonferma bil-gurament:-

1. Illi l-gudizzju mhux integru billi ma tharkux il-werrieta kollha u b'mod partikolari dak il-werriet partikolari li minghajr il-prokura tieghu fil-forma accettabbli ghall-HSBC jibqa' mpossibli ghall-eccipjenti li jimmittuha fil-pussess tal-legat;

2. Bla pregudizzju ghas-suespost, fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-ewwel eccezzjoni, huwa opportun li l-werrieta li ma gewx imharrka jigu kkjamati f'din il-kawza;

3. Illi jigi rilevat ghall-attenzjoni ta' l-Onorabbli Qorti li din hija kawza li giet istitwita nutilment u ntiza unikament sabiex jizdiedu d-drittijiet u l-ispejjez, dana ghaliex l-esponenti fuq imsemmija **ghadhom** u **dejjem kienu** disposti li jimmittu fil-pussess lil

Victoria Spiteri tal-legat imholli lilha bit-testment tat-tmienja (8) ta' Awwissu elfejn u tlettax (2013);

4. Illi l-fatti kif esposti fir-rikors guramentat ma jirriflettux ir-realta' u dan ghaliex il-esponenti minn dejjem kienu disponibbli li jghaddu il-legat u fir-realta' l-fatti huma s-segwenti:

5. Illi meta l-esponenti telqu minghand in-Nutar Paul George Pisani, huma mmedjatament kienu nfurmaw lill-attrici u lil ommha Teresa sive Tessie Spiteri li tigi ohthom li kienu ser jinqdew bis-servizz tan-Nutar Enzo Refalo;

6. Illi meta n-Nutar Enzo Refalo beda jipprepara l-affarijiet sabiex ikun jista' jipprocedi mhux biss bl-immissjoni fil-pussess tal-mitt elf (€100,000) euro legat imma wkoll bil-*causa mortis*, sar kuntatt ma' Mario Teuma li prokura tieghu kienet ghadha ma waslitx li wkoll jghix l-esteru sabiex dan da parti tieghu jghaddi prokura lil xi hadd minn hutu li jghix hawn Malta;

7. Illi filwaqt li l-prokura ta' Indrija Teuma (moghtija lil Eucaristico sive Karistu Teuma) intbghatet lura sew iffirmata ghand 'justice of the peace', dik ta' Mario Teuma (moghtija lil Carmelo Teuma) waslet biss bil-firma ta' l-istess Mario Teuma minghajr ma kienet ikkonfermata quddiem 'justice of the peace'. In-Nutar Enzo Refalo nnifsu kien ghamel telefonata lil Mario Teuma u dan ta' l-ahhar beda jghajjat u nfurmah li ma kienx lest li jmur jiehu gurament ghand hadd u dan ghaliex hu kien 'justice of the peace' u fil-fehma tieghu l-firma tieghu kienet bizzejjed! (vide Dok A);

8. Illi malgrad li saru diversi tentattivi anke da parti ta' l-esponenti Carmelo Teuma u hutu l-ohra l-konvenuti fejn cemplu u talbu jmur ghand 'justice of the peace' dan kien inutilment u l-konversazzjoni kienet dejjem tispicca bil-hazin;

9. Illi fil-frattemp il-esponenti rcivew ittra ufficjali minghand Victoria Spiteri kif ukoll minghand Victor Teuma u ghall-ennesima darba l-esponenti kollha pero' din id-darba minghajr Mario Teuma, regghu tennew li huma kienu lesti li jimmittu fil-pussess lil Victoria Spiteri fil-pussess tal-legat tal-flus. Din id-darba l-esponenti nfurmaw ukoll li Carmelo Teuma ma kienx prokuratur ta' huhom Mario

Teuma u dan ghar-raguni fuq esposta kopja tal-ittra annessa u mmarkata bhala Dok B;

10. Illi wara li ntbghatet din l-ittra ufficjali bin-numru: 186/14, l-esponenti regghu ghal darba ohra marru ghand in-Nutar Enzo Refalo u bl-intenzjoni li jirrangaw l-affarijiet amikabilment u minghajr l-intervent ta' Qrati, **ghal darba ohra** regghu bl-intervent tan-Nutar Enzo Refalo talbu li ssir laqgha li kienet iffissata ghat-Tnejn, 26 ta' Mejju 2014 fil-hin tal-hamsa ta' filghaxija (5.00 pm) u dan kif jidher mill-kopja tal-ittri hawn annessi u mmarkati bhala Dok C, Dok D u Dok E;

11. Illi madanakollu la l-attrici u wisq aktar Teresa sive Tessie Spiteri u Victor Teuma ma kkonfermaw l-attendenza taghhom u ghalhekk din il-laqgha thassret;

12. Illi l-ghada it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2014 kien filghaxija, l-esponenti kollha ltaqghu ghand in-Nutar Enzo Refalo sabiex jiddiskutu u dahal fuqhom l-Avukat Dr Mario Scerri. Illi dan ta' l-ahhar talab b'insistenza li jiffirmaw xi dokumenti dak il-hin stess u da parti ta' l-esponenti talbu li jinghataw zmien sabiex ikunu jistghu jikkonsultaw mal-avukat ta' fiducja taghhom dawk id-dokumenti x'kienu u ma kienux, pero' l-insistenza baqghet ghaddejja u gew moghtija struzzjoni li sal-ghada dawk il-karti kellhom ikunu ffirmati;

13. Illi di fatti hekk gara u d-dokumenti li fil-fatt irrizulta li kien 'estate' tal-bank HSBC gie ffirmat mill-esponenti kollha u rritornat lil Dr Mario Scerri sabiex jghaddih lil bank koncernat;

14. Illi ftit taz-zmien wara kien hemm komunikazzjoni man-Nutar Enzo Refalo bid-data ghall-appuntament sabiex dawn il-flus jigu rrilaxxjati li kienet iffissata ghal nhar il-Gimgha, 11 ta' Lulju 2014 u l-esponenti nfurmaw ukoll lill-avukat ta' fiducja taghhom bid-data;

15. Illi l-avukat sottofirmat baghtet email lil Dr Mario Scerri u lil Jesmond Buttigieg rapprezentant ta' HSBC Bank Malta plc sabiex dawn jinfurmaw lilha dwar l-appuntament. L-ghada l-Gimgha, 11 ta' Lulju fil-hin tas-7.44am, l-avukat tal-esponenti Dr Renata Formosa irceviet komunikazzjoni tramite email fejn fiha nghatat

intimazzjoni li jekk ikun hemm '…xi xkiel min-naha tal-klijenti li ser jigu assistiti minnek … it-Tnejn li gej tigi prezentata l-kawza' u dan anke kif jidher car mill-kopja tal-email hawn annessa u mmarkata bhala Dok F u Dok G;

16. Illi jigi rilevat li barra li ntalbu li jithallsu l-imghaxijiet sal-gurnata li jigu zbankati l-flus, intalbu wkoll l-ispejjez tar-ricerki testamentarji u dan skont rendikont li ntbghat mal-email tal-Gimgha 11 ta' Lulju 2014 kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala Dok H;

17. Illi l-esponenti kif ukoll l-avukat sottofirmat marru ghall-appuntament, fejn hemmhekk gew infurmati minn Jesmond Buttigieg u Maria Buttigieg li l-prokura ta' Indrija Teuma u Mario Teuma kienet tajba biex jingibdu ammont ta' flus bizzejjed biex jithallas il-legat, l-imghax u ricerki u ma kinitx tajba sabiex jingibdu l-parti tal-flus li kienu ser tmiss lilhom u dana peress li riedet tkun 'apostille';

18. Illi l-esponenti ma setghux jifmhu ghala u oggezzjonaw. Barra minn hekk l-esponenti oggezzjonaw ukoll ghall-hlas ta' l-imghax u spejjez relatati ma' ricerki u dana stante li d-dewmien taz-zmien ma kienx intortament taghhom kif spjegat fuq u kien ghalhekk li l-appuntament gie nterrot u l-ebda flus ma ngibdu;

19. Illi t-Tnejn, 14 ta' Lulju 2014 l-esponenti flimkien ma' l-avukat sottofirmat cemplu u kkomunikaw ma' wahda certa Frances Zammit – Head of Inheritance Unit HSBC Bank Malta plc fejn ikkonfermat li di fatti l-ebda flus ma setghu jingibdu nhar il-Gimgha, 11 ta' Lulju 2014 u dana stante li huma ghandhom policy fejn l-prokura dejjem u f'kull kaz trid tkun wahda 'apostile', kemm ghall-gbir tal-flus imhollija b'legat kif ukoll ghall-bqija;

20. Illi ghalhekk it-talba attrici kif redatta ma tistax tigi akkolta fil-konfront tal-eccipjenti billi "*ad impossibilia nemo tenetur*";

21. Illi fi kwalunque kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti huma responsabbli ghall-hlas tal-legat biss fil-proporzjon li fih huma werrieta u ghalhekk certament mhux ghas-somma kollha ta' €100,000 kif mitlub;

22.Stante l-inutilita'ta' din il-kawza huma m'ghandhomx ibatu spejjez;

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt u sottomissjonijiet ulterjuri li jingiebu fi stadju ulterjuri jekk ikun hemm bzonn.

L-attrici tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Gunju 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw in-noti rispettivi f'terminu mpost fuqhom;

Rat illi fl-istess verbal il-partijiet qablu kif isegwi:

'Il-partijiet jaqblu li fadal biss pendenti li jithallas mil-legat imholli lill-attrici s-sehem tal-konvenut Francis Theuma, qed jaqblu wkoll li sal-lum baqghu ma thallsux imghax la fuq dan is-sehem u lanqas fuq is-sehem tal-konvenuti l-ohra li gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti fil-mori tal-kawza u li gie zbankat mill-attrici bla pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob l-imghax fuqhom sa dakinhar li rceviet il-pagament mill-Qorti.'

Rat illi l-attrici prezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha oltre t-terminu mpost fuqha u ta' dan il-Qorti tiddeplora l-agir tal-attrici. Fl-istess lok izda din il-Qorti tirrileva lill-konvenuti li prezentata o meno n-nota tal-attrici huma xorta wahda kellhom terminu mpost fuqhom u ghalhekk kellhom jiehdu hsieb li n-nota taghhom tinhadem entro t-terminu mpost fuqhom, dahlet u ma dahlitx in-nota tal-parti l-ohra. Il-Qorti ghalhekk ma tqisx li t-talba tal-konvenuti ghall-isfilz tan-nota tal-attrici kontenuta fin-nota taghhom bhala gjustifikata u tichad l-istess;

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-fatti fil-qosor jikkonsistu li l-attrici thalliet b'titolu ta' legat minghand Nazzareno sive Zarenu Teuma li miet nhar it-30 ta'

Novembru, 2013 is-somma ta' mitt elf ewro (€100,000). Il-konvenuti flimkien ma' omm l-attrici Teresa sive Tessie Spiteri, Victor Teuma u Mario Teuma, mhux citati fil-kawza odjerna, huma lkoll l-eredi tal-mejjet.

L-attrici ssostni li originarjament kien tqabbad in-Nutar Paul George Pisani biex jiehu hsieb il-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt izda ghal raguni li fl-atti rrizultat li kienet nuqqas ta' ftehim mal-istess nutar il-konvenuti nkarigaw floku lin-Nutar Enzo Refalo. Jirrizulta li meta l-attrici rat li l-affarijiet kienu qed jitwalu u hija baqghet ma thallsitx il-legat dovut lilha nkarigat lil Dr. Mario Scerri sabiex jiehu hsieb dak li kien hemm bzonn isir. Permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' April, 2014 il-konvenuti biss u mhux l-eredi l-ohra gew interpellati sabiex jimmittu fil-pussess tal-legat lill-attrici filwaqt li gew interpellati wkoll ihallsu l-imghaxijiet skont il-ligi. L-attrici ssostni li l-eredi l-ohra ma gewx citati permezz tal-ittra ufficcjali u tal-kawza ghaliex minn dejjem kienu disposti jersqu ghall-hlas tal-legat u l-imghax dovut.

Nhar il-11 ta' Lulju, 2014 inghata appuntament mill-Bank HSBC sabiex ikun jista' jithallas il-legat in kwistjoni lill-attrici stante li rrizulta li kien hemm fondi aktar minn bizzejjed biex jithallas il-legat filwaqt li ghalhekk kellhom ukoll jigu spartiti l-flus rimanenti bejn l-eredi u li setghu jigu likwidati dak in-nhar. L-attrici ssostni li nonostante li dakinhar ma kien hemm xejn xi jwaqqaf il-hlas tal-legat flimkien mal-imghax dovuti skont il-ligi, il-konvenuti naqsu milli jaghmlu dan ghal raguni mhux valida fil-ligi. Min-naha taghhom il-konvenuti jsostnu li dakinhar kienu gew infurmati li l-legat seta' jithallas izda l-flus bejniethom ma setghux jigu spartiti ghaliex kien hemm prokura li ma kinitx bl-'apostile'. Skont il-konvenuti huma ma setghux jifhmu kif il-legat seta' jithallas izda l-bqija tal-flus ma setghux jigu maqsuma allura dakinhar irrifjutaw li jiffirmaw biex jithallas il-legat. Skont il-konvenuti din kienet raguni valida ghalfejn huma setghu jirrifjutaw li jithallas il-legat lill-attrici.

Jirrizulta in oltre li wara li nfethet din il-kawza, il-konvenut iddepozitaw is-somma ta' hamsa u hamsin elf, hames mija u hamsa u hamsin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€55,555.55) rapprezentanti l-parti mil-legat dovut minnhom b'eccezzjoni ta' Francis Theuma, liema somma izda ma tinkludix l-imghax pretiz mill-attrici u jirrizulta wkoll li mill-istess somma tnaqqsu l-ispejjez tac-cedola. Nhar il-21 ta' Ottubru, 2014 giet

zbankata da parti tal-attrici, minghajr pregudizzju ghas-somma rimanenti dovuta u ghall-imghax, is-somma ta' erbgha u hamsin elf, disa' mija u tnejn u sittin Euro u tlieta u sittin centemzu (€54,962.63), cioe' l-ammont depozitat mnaqqsin l-ispejjez tac-cedola.

Bazi legali u provi:

Illi mill-provi kollha mressqa quddiem din il-Qorti, il-Qorti hija sodisfatta sal-grad rikjest mil-ligi li dakinhar tal-11 ta' Lulju, 2014 l-konvenuti kienu f'posizzjoni li jiffirmaw sabiex l-attrici tkun tista' tithallas il-legat dovut lilha flimkien mal-imghax mid-data tal-mewt sad-data tal-hlas cioe' dakinhar tal-11 ta' Lulju, 2014 u b'hekk facilment kienet tigi evitata din il-kawza. Jirrizulta li l-konvenuti ma prosegwewx bil-procedura biex il-legat jithallas ghaliex inkorlaw li ntalbu l-imghaxijiet sa dakinhar u mhux sal-gurnata li kienu ffirmaw il-karti quddiem in-Nutar kif ukoll ghaliex kien hemm procedura tal-bank li kienet ser twaqqafhom milli dakinhar huma wkoll jaqsmu l-flus rimanenti bejniethom. Il-konvenuti kollha fix-xhieda taghhom ikkonfermaw li l-legat seta' jithallas izda ghaliex skont huma xammew 'il-huta tinten' ghaliex ma kienux ser jiehdu l-flus huma wkoll ghazlu li ma jiffirmawx u jitilqu 'l barra. Legalment din l-iskuza mqajma mill-konvenuti mihjiex legalment gjustifikabbli u la darba huma ghazlu li ma jkomplux bil-proceduri u jithallas il-legat dakinhar il-konvenuti ghandhom ukoll ihallsu l-imghax fuq is-somma dovuta bhala legat sal-hlas stante li l-ligi hija cara li l-imghax f'kaz ta' kapital jibda ghaddej mid-data tal-mewt tad-decujus (artikolu 728 tal-Kap. 16) sad-data tal-hlas effettiv.

Illi izda l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-attrici li l-legat dovut u l-imghaxijiet fuqhom huma dovuti solidalment bejn il-konvenuti izda fuq dan ghandhom ragun il-konvenuti li ghandhom japplikaw l-artikoli 734 (1) u 940 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsostnu kif isegwi:

'Art. 734 (1): Meta fost zewg werrieta jew izjed ebda wiehed minnhom ma jkun gie partikolarment obbligat mit-testatur ghall-hlas tal-legat, il-werrieta kollha huma obbligati ghall-hlas tieghu, kull wiehed skont is-sehem li jkun imissu fil-wirt.'

'Art. 940 (1): Fil-kazijiet kollha, quddiem il-kredituri, kull wiehed mill-werrieta hu obbligat personalment ghad-djun tal-wirt, skont ma jkun sehmu.'

L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju

Illi da parti taghha l-attrici qed titlob li din il-Qorti:

'1. Tordna u tikkundanna lilhom konvenuti li jersqu u jimmittu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat tal-kapital lilha mholli mit-testatur bit-testment tieghu precitat, bl-imghaxijiet fuq dan il-kapital b'effett minnufih minn wara l-mewt tat-testatur sal-effettiv pagament ai termini tal-artikolu 728(b) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bin-nomina tal-kuraturi ghall-eventwali kontumaci, u ghal dan il-fini tiffissa l-jum u l-hin meta dan il-hlas ghandu jsir mill-flus li hemm depozitati fil-Bank HSBC.'

Il-konvenuti jsostnu li t-talba tal-attrici hija fallaci ghaliex permezz ta' din il-kawza l-attrici ma harrkitx lill-eredi kollha tad-decujus izda halliet tliet eredi barra. L-attrici da parti taghha izda fil-premessi tal-kawza mill-ewwel ghamlitha cara li t-tliet eredi l-ohra nhar il-11 ta' Lulju, 2014:

'iddikjaraw li kienu lesti jiffirmaw dak il-hin stess biex ir-rikorrenti tiehu l-legat bl-imghax kif titlob il-ligi.'

Illi l-eccezzjoni tal-konvenuti taqra kif isegwi:

'Illi l-gudizzju mhux integru billi ma tharkux il-werrieta kollha u b'mod partikolari dak il-werriet partikolari li minghajr il-prokura tieghu fil-forma accettabbli ghall-HSBC jibqa' mpossibbli ghall-eccipjenti li jimmittuha fil-pussess tal-legat;'

Minn analizi tal-provi rrizulta lil din il-Qorti li ghalkemm kien minnu li kien hemm problema fil-prokura ta' Mario Teuma ghaliex ma kinitx 'apostille' fis-sens li n-nuqqas tal-'apostille' kienet ser twaqqaf lill-eredi milli dakinhar tal-11 ta' Lulju, 2014 jaqsmu l-flus rimanenti bejniethom, irrizulta car anki mix-xhieda ta' Dr. Mandy Farrugia (fol. 266 sa 271) in rapprezentanta tal-HSBC, u li kienet hi stess li tat struzzjonijiet cari li l-legat seta'

jithallas, li n-nuqqas tal-'apostille' ma kienet bl-ebda mod ser taffettwa jew twaqqaf il-hlas tal-legat nhar il-11 ta' Lulju, 2014.

Ghalhekk mil-lat li din l-eccezzjoni hija bbazata fuq in-nuqqas ta' prokura valida da parti ta' wiehed mill-eredi li ma hux citat fil-kawza cioe' Mario Teuma, l-eccezzjoni tirrizulta li mihjiex gjustifikata.

Min-naha l-ohra, il-konvenuti izda jiccaraw aktar l-eccezzjoni taghhom fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fis-sens li huma jsostnu li l-immissjoni fil-pussess tal-legat tista' ssir biss b'mod shih mill-eredi kollha u ghalhekk ma tistax tigi milqugha t-talba tal-attrici li qed titlob li jkunu l-konvenuti biss li jigu kkundannati jimmittu fil-pussess tal-legat lill-attrici.

Illi izda din il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikoli citati mill-istess konvenuti u cioe' l-artikolu 734 (1) u l-artikolul 940 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tqis li t-talba tal-attrici hija valida limitatament ghal dik il-parti tal-legat u mghaxijiet dovuti mill-konvenuti u xejn aktar b'dana li f'dawn ic-cirkustanzi ghandha tintlaqa' l-eccezzjoni numru 21 tal-konvenuti li ssostni li *'l-eccipjenti huma responsabbli ghall-hlas tal-legat biss fil-proporzjon li fih huma werrieta'*. Il-Qorti ghalhekk tqis li ma hemm xejn fil-ligi li jzomm lill-konvenuti milli jigu ordnati li jimittu lill-attrici fil-pussess ta' dik il-parti mil-legat dovut minnhom flimkien mal-imghax dovut fuq l-istess sehem. Ir-riskju jekk it-tliet eredi l-ohra jersqux kif dikjarat ghall-immissjoni fil-pussess, la darba l-attrici ghazlet li ma ddahhalhomx fil-kawza anki ghaliex se mai ma jkunx gjust li jbaghtu spejjez ta' kawza li huma qatt ma riedu, konsegwentement jinkombi fuq l-istess attrici.

Il-Qorti ghalhekk tqis li fic-cirkustanzi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti flimkien ukoll mat-tieni eccezzjoni li hija konsegwenzjali ghall-ewwel wahda ghandhom jigu michuda u l-eccezzjoni numru 21 tintlaqa' kif spjegat aktar 'il fuq.

<u>L-eccezzjonijiet rimanenti:</u>

Il-Qorti in vista tal-fatti kif gew esposti u pruvati quddiemha tqis li t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fejn iddikajraw li huma dejjem kienu disposti li jimittu l-attrici fil-pusses tal-legat mihjiex gjustifikata stante li

kif gia anki espost aktar 'il fuq, irrizulta b'mod ampju lil din il-Qorti li mhux minnu li l-konvenut kienu dejjem disposti li jaghmlu dan ghaliex huma volontarjament irrifjutaw li jaghmlu jeffettwaw din l-immissjoni nhar il-11 ta' Lulju, 2014 minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll tisthoqq li tigi michuda. Il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (eskluz l-eccezzjoni numru 21) jikkonsistu f'esposizzjoni tal-fatti skont huma liema fatti izda jeskludu l-fatt pruvat lil din il-Qorti li dakinhar tal-11 ta' Lulju, 2014 ma kien hemm xejn xi jzomm milli jithallas il-legat lill-attrici u li dan ma sarx unikament minhabba r-ras iebsa tal-istess konvenuti u xejn aktar. Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuti ghandhom ukoll ibaghtu l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti salv l-eccezzjoni numru 21 li qed tigi milqugha fis-sens hawn dikjarat, tilqa' t-talba attrici billi:

- tikkundanna u tordna lill-konvenuti kollha salv Francis Theuma jersqu u jimittu lill-attrici fil-pussess tal-legat tal-kapital lilha mholli mit-testatur limitatament sas-sehem rispettiv ta' kull wiehed minnhom mill-wirt u li ghadu ma ngabarx mir-rikorrenti fil-mori tal-kawza bl-imghax fuq is-sehem kollu mid-data tal-mewt tad-decujus sad-data tal-isbank u / jew pagament effettiv;

- filwaqt li tikkundanna lil Francis Theuma sabiex jersaq u jimitti lill-attirici fil-pussess tal-legat tal-kapital lilha mholli mit-testatur limitatament sas-sehem rispettiv tieghu mill-wirt bl-imghax mid-data tal-mewt tad-decujus sad-data tal-pagament effettiv.

Il-Qorti qed tiffissa l-jum tat-2 ta' Novembru, 2015 fl-ghaxra ta' filghodu (10.00a.m.) quddiem in-Nutar Enzo Refalo fil-post li ghandu jigi ndikat minnu stess sabiex issir l-immissjoni u l-hlas ta' dak kollu dovut skont din id-decizjoni mill-konvenuti lill-attrici u tinnomina lil Dr. Nadia Vella bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti nkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' April, 2014.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur